MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Numru. 606/2009

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud)
vs
Alexander Pisani, iben Francis, imwieled il-Belt, Valletta fl-4 ta’ Ottubru, 1953

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-7 ta’ Mejju, 2009 f’xi ħin wara nofs in-nhar ġewwa l-Belt, Valletta, xjentement xtara jew laqa’ għandu oġġetti misruqa li l-valur tagħhom huwa aktar minn €232.94 iżda me jeċċedix €2,329.37 meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod ieħor ikun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta ma l-imputat bħala reċidiv b’sentenżi li saru definittivi u li ma jjistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ jannar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50 u 334 tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------